# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 411/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**Alfred Falzon**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Alfred Falzon, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 930248M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi talli naqas sal-hmistax-il jum tat-tieni xahar li jigi wara l-ahhar jum li fih intemmu z-zminijiet ta' taxxa relattivi li jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxi (15) il-denunzja, flimkien mal-hlas dovut, li saru dovuti fil-perjodi li ntemmu fil-31 ta' Awwissu 2010 sat 28 ta' Frar 2014 u dan bi ksur tal-artikolu 27, 66, 76(d) tal-Att XXIII ta' l-1998;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-17 ta' Settembru, 2015 li biha sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta' seba' mitt Euro (€700) u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-imposizzjoni ta' terminu u multa addizzjonali ghal-kull jum li fih jonqos milli jottempera ruhu u dan wara li l-prosekuzzjoni irtirat din it-talba;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Alfred Falzon, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-24 ta' Settembru, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza u tilliberah mill-akkuzi dedotti kontra tieghu u alternattivament tirrevoka l-piena erogata;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jilmenta mis-sentenza appellata u jressaq ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti il-gravami li dik is-sentenza hija wahda *unsafe and unsatisfactory* bl-argumenti illi ma kienx hemm dik il-prova misthoqqa fil-kamp penali ghas-sejbien ta' htija; li ma kienx pruvat li l-formoli mertu tal-imputazzjoni ma kienux prezentati skont kif allegat u li fin-nuqqas hemm provi li juru li kien ha l-prekawzjonijiet kollha sabiex jottempera ruhu skond il-ligi;

2. Din il-Qorti, wara li semghet il-provi mill-gdid, ma tara xejn censurabbli fid-decizzjoni tal-ewwel Qorti li gustament waslet ghall-konkluzzjoni illi l-appellant kien tardiv fl-introduzzjoni tieghu tad-denunzji relattivi. Dawn kienu denunzji dovuti ghas-snin 2010 sal-2014 u l-appellant ssottometta l-istess proprju lejliet l-udjenza quddiem l-ewwel Qorti, igifieri kien tardiv sew fl-obbligu tieghu. Dawn izda, xorta wahda ma kienux akkumpanjati bit-taxxa minnu dovuta u ghalhekk ghalkemm kien rregistra d-denunzji ma kienx radd it-taxxa minnu migbura f'isem il-Kummssarju tat-Taxxi;

3. Ezaminati l-atti processwali ma hemm xejn x'jiddimostra li s-sentenza hija wahda *unsafe and unsatisfactory* u ghalhekk it-talba ghat-thassir tas-sentenza u ghal-liberazzjoni tal-appellant qed tkun michuda;

4. Kwantu l-piena, din il-Qorti ma tistghax taghmel dak li qed jitlob l-appellant, igifieri li thassarha. Huwa xehed illi ghadda minn zmien difficli li din il-Qorti tikkonsidra tassew sfortunat, izda fl-istess waqt huwa evidenti illi l-ewwel Qorti hadet konjizzjoni ta' dan fl-ikkalibrar tal-piena billi erogat il-minimu possibbli. Ghalhekk anke din it-talba qed tkun michuda b'dan illi il-Qorti ser takkolji it-talba maghmula fis-sottomissjonijiet tieghu ghall-hlas tal-multa fuq perjodu;

5. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell qed ikun michud.

6. Takkorda l-hlas tal-multa ta' €700 f'seba' rati ugwali ta' €100 fl-ahhar ta' kull xahar bl-ewwel rata tithallas fl-ahhar ta' Dicembru 2017.